## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tad-19 ta' April 2002**

**Citazzjoni numru 904/97 GC**

**Tanya Borg Cardona**

**vs**

**Josef sive Yosef Mallia, u b'digriet tad-9 ta' Mejju, 1997 l-Avukat Dottor Stephen Thake bhala segretarju u ghan-nom tas-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited u din bhala mandatarja ta' l-assenti Andrew Wallace f'ismu propju u ghan-nom tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds gie ammess jintervjeni fil-kawza in statu et termine**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi fis-27 ta' April 1996 waqt li l-konvenut Josef sive Yosef Mallia kien qed isuq il-vettura numru JOE 102 f'Tal-Balal Road, fil-limiti ta' B'Kara minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa habat mal-vettura T-3200 propjeta' ta' l-attrici, Tanya Borg Cardona, li dak il-hin kien qed tinsaq minnha fit-triq principali sejra fid-direzzjoni tan-Naxxar;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni konsiderevoli fosthom dawk rizultanti mill-korriment serju u ta' natura gravi li jwasslu ghall-inkapacita' ta' natura permanenti, liema inkapacita' twassal ghad-danni attwali kif ukoll sejra twassal ghal danni futuri "lucrum cessans" u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi wkoll b'konsegwenza ta' dan l-incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, l-attrici, kif gia intqal sofriet danni konsiderevoli bhala rizultat tal-hsarat fil-vettura taghha u dana wkoll kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut Josef sive Yosef Mallia interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur baqa' inadempjenti kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni necesssarja, jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux jigi ddikjarat u deciz li:-

1) il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis 27 ta' April 1996 fil-limiti ta' B'Kara u ghad-danni kollha rizultanti lill-attrici bhala konsegwenza ta' dan l-istess incident;

2) li dawn id-danni jigu likwidati okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3) li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici dawk id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imghaxijiet legali;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 1996 u ta' ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine fejn gie eccepit huwa ghandu interess dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza illi f'dana l-istadju jikkonsisti filli jikkontrolla l-veracita' tal-allegazzjoni attrici illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u l-verifika tal-quantum u n-natura tad-danni reklamati mill-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Josef Mallia fejn gie eccepit:-

Illi fil-habta awtomobilistika li sehhet fis-27 ta' April 1996 gewwa Triq tal-Balal il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru JOE 102 kien qasam Triq tal-Balal kompletament u qabad it-triq sejjer fid-direzzjoni ta' Birkirkara meta l-attrici li kienet qed issuq il-vettura numru T-3200 lejn in-Naxxar bi speed qawwi hafna dahlet fil-vettura misjuqa mill-konvenut fuq in-naha ta' wara tal-vettura u ghalhekk l-attrici hija unikament responsabbli ta' l-incident imsemmi;

lli ghall-incident imsemmi tahti unikament l-attrici minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi ghalhekk it-talbiet ta’ l-attrici ghandhom jigu michuda u respinti kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u bl-ispejjez kollha kontra taghha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Josef Mallia debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2001 fejn l-attrici ddikjarat li fod-data tal-incident hi kellha erbghin (40) sena;

Rat il-verbal tal-access mizmum fl-4 ta' Frar 2002;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri kollha tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2002;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fis-27 ta’ April 1996 sehh incident stradali go Triq Tal-Balal fil-limiti ta’ Birkirkara. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attrici li kienet qed issuq il-vettura taghha numru ta’ registrazzjoni T-3200 u li kienet ghaddejja fl-imsemmija triq sejra mid-direzzjoni ta' San Gwann ghad-direzzjoni tan-Naxxar, u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JOE 102 u li kien qed jaqsam l-imsemmija triq minn-naha tal-Madliena ghan-naha ta' fejn hemm il-Vibes Discotheque;

L-attrici ssosnti li dan l-incident gara esklusivament tort tal-konvenut. Ghalhekk l-attrici tippretendi li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni kollha li sofriet bhala konsegwenza tal-istess incident. L-attrici tghid li hi sofriet feriti ta' natura permanenti kif ukoll sofriet hsarat fil-vettura li kienet qed issuq;

Da parti tieghu l-konvenut isostni li l-incident sehh unikament tort tal-attrici stante li huwa jghid li kien lehaq qasam it-triq in kwestjoni, filwaqt li, dejjem skond il-konvenut, l-attrici kienet qed issuq b'velocita eccessiva u baqghet diehla fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tieghu;

L-inkrocju fejn sehh dan l-incident hu wiehed partikolari hafna u s-sewwieqa li jkunu qed jaqsmu t-triq pricipali, cioe’ Triq tal-Balal, ghandhom jesercitaw prudenza kbira u ghandhom jaccertaw ruhhom sew li jistgu jaqsmu t-triq principali;

In effett jirrizulta li, minn fejn kien hiereg il-konvenut, hemm “stop sign” mal-art. Jirrizulta ukoll li bhala konsegwenza tal-habta bejn l-attrici u l-konvenut, il-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet diehla f’zewg vetturi ohra li kienu qed jistennew li jaqsmu l-istess inkrocju pero’ minn naha opposta ghal minn fejn kien hiereg il-konvenut u fejn ukoll hemm "stop sign" mal-art;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tar-rizultanzi jidher li l-konvenut ma waqafx fuq is-sinjal “stop” u baqa hiereg minnghajr ma spezzjona sew it-toroq kollha qabel ma beda jaqsam it-triq principali. B’hekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli tal-habta in kwestjoni;

In effett il-konvenut, li kien gej minn naha ta' l-Ibragg u ried jaqsam it-triq principali sabiex jibqa' sejjer fi Triq il-Gharghur fejn hemm id-discoteka “Vibes”, qal li meta wasal fuq is-sinjal in kwestjoni huwa waqaf u meta ra li ma kienx gej traffiku la min-naha ta' San Gwann u lanqas min-naha tan-Naxxar, huwa qasam it-triq. F'dan, pero', l-konvenut mhux korroborat minn rizultanzi ohra. F'dan ir-rigward hu bizzejjed li jinghad li l-konvenut stess jammetti li hemm vizwali pjuttost twila, circa mija u hamsin (150) metru, fuq ix-xellug tieghu minn fejn kien hiereg u minn fejn kienet gejja l-attrici. Ghalhekk hu prattikament impossibbli li l-konvenut, jekk hares, ma rax l-attrici gejja. Dan jindika li l-konvenut ma spezzjonax sewwa t-traffiku li seta' kien gej mix-xellug u mil-lemin tieghu;

Barra minn hekk iz-zewg sewwieqa l-ohra involuti f'dan l-incident, u cioe' dawk li kienu qed jistennew sabiex johorgu fit-triq principali in kwestjoni mid-direzzjoni opposta ghal minn fejn kien hiereg il-konvenut, xehedu li l-konvenut baqa hiereg ghal fuq it-triq principali. Wiehed minnhom jghid li lill-konvenut ma rahx wieqaf qabel ma dan hareg fit-triq principali;

Il-konvenut jghid li waqt li kien qed jaqsam it-triq principali, nduna li kien hemm zewg karozzi gejjin mit-triq fejn ried jidhol. Huwa ghalhekk jghid li naqqas il-velocita’ tieghu. In effett, pero', dawn iz-zewg sewwieqa jghidu li huma kienu weqfin qed jistennew sabiex ikunu jistghu jidhlu fit-triq principali. F'dan dawn iz-zewg sewwieqa bl-ebda mod ma gew kontradetti u ghalhekk jidher li din hi l-versjoni li ghandha tigi accettata. Dan ukoll jindika li l-konvenut lanqas ma spezzjona sewwa t-traffiku li seta' kien hemm ift-triq fejn huwa ried jidhol. Il-konvenut ghalhekk ma vverifikax sewwa t-traffiku kollu li seta' kien gej mit-toroq kollha in kwestjoni. Jidher li l-konvenut ma tax kaz li kien hemm karozzi weqfin qed jistennew fuq in-naha l-ohra tat-triq principali. Dan il-fatt, in effett, kellu jinducih ghal aktar prudenza meta seta kien li l-passagg tieghu ma kienx liberu izda kien ingumbrat minn vetturi weqfin fuq in-naha l-ohrta tat-triq. Dan il-fatt seta kkontribwixxa ukoll ghall-kollizzjoni peress li l-konvenut kellu jnaqqas il-velocita' tieghu meta kien f'nofs it-triq principali;

L-iskizz (fol.7) jindika li l-habta sehhet fit-triq principali f'nofs il-karreggiata li tiehu lejn in-Naxxar, cioe fil-karreggiata minn fejn kienet ghaddejja l-attrici. Il-konvenut jghid li huwa jaqbel mal-istess skizz. Ghalhekk ma jistax ikun esatt dak li jghid il-konvenut fis-sens li fil-hin tal-habta huwa kien gia tlett kwarti tal-karozza tieghu fit-triq ta hdejn id-discoteka;

Jibqa li jigi stabbilit jekk l-attrici setghetx ikkontiribwit b'xi mod ghal kollizzjoni. Kif gia gie rilevat il-konvenut isostni li l-attrici kienet qed issuq b'velocita eccessiva. F'dan ir-rigward l-attrici tghid li kienet ghaddejja b'velocita' ta' bejn il-hamsa u tletin (35), erbghin (40) mil fis-siegha. Jista jinghad li l-"brake marks" li halliet il-vettura misjuqa mill-attrici jindikaw li l-attrici effettivament kienet ghadedjja bil-velocita' li semmiet;

Skond ir-rizultanzi, b'mod partikolari l-fatt li l-konvenut kellu jnaqqas il-velocita' tieghu meta kien f'nofs it-triq, ma jistax jinghad li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-attrici kienet qed issuq b'velocita' eccessiva. Ma jirrizultax ghalhekk li l-attrici ghandha tigi ritenuta li b'xi mod ikkontribwit ghal kollizzjoni;

L-espert mediku kkonkluda li l-attrici sofriet griehi ta' natura permanenti bhala rizultat dirett tal-incident in kwestjoni u dana meta l-ghonq gie sfurzat 'il quddiem imbaghad lura. Huwa kkalkola li d-dizabilta' permanenti li sofriet l-attrici tammonta ghal hamsa fil-mija (5%). Jirrizulta li l-attrici fiz-zmien tal-incident kienet tahdem ma socjeta kummercjali u bhala direttur tal-istess socjeta kellha d-dritt li tigbed sa hames mitt liri maltin (Lm500) fix-xahar bhala "drawings". Wara l-incident pero' il-kumpanija li taghha l-attrici kienet direttur ma baqatx topera u lanqas ma jirrizulta li l-attrici sabet xi impieg iehor;

Ghalhekk ghal finijiet tal-kalkolu li ghandu isir sabiex jigu likwidati d-danni ghar-rigward tad-dizabilita' permanenti hu ragjonevoli li l-bazi tal-qliegh ta kull xahar ghandu jigi kalkolat fuq ammont ta' erba mitt liri maltin (Lm400) u dana tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, tal-eventwali inflazzjoni, taz-zieded li jistghu jirrikorru, tat-taxxa li trid tithallas u ta cirkostanzi ohra. Jirrizulta li l-attrici fiz-zmien tal-incident kellha erbghin (40) sena. Ghalhekk il-multiplier ghandu jigi kalkolat ghal zmien ghoxrin (20) sena u cioe sakemm l-attrici tilhaq l-eta tal-pensjoni. F'dan il-kaz ghandu jitnaqqas hamsa fil-mija (5%) stante li l-ammont ser jithallas f'pagament wiehed. Ghalhekk is-somma li qed tigi likwidata bhala 'lucrum cessans', fuq dak li ntqal sa issa, tammonta ghal erbat elef hames mija u sittin liri maltin (Lm4560) (Lm400 x 12 x 20 x 5% - 5%);

Ma l-imsemmija somma trid tizdied is-somma ta' tlett elef liri maltin (Lm3000) li tirrizulta li hi s-somma li l-attrici hallset sabiex sewwiet il-hsarat sofferti fil-karozza taghha. F'din is-somma hemm ukoll inkluz l-ammont li hallset l-attrici ghal kiri ta' karozza waqt li l-vettura taghha kienet qed tissewwa, ammont li l-attrici hallset fi spejjez medici u ammont li l-attrici tilfet peress li damet biex terga tidhol ghax-xoghol;

B'kollox ghalhekk id-danni kopmplessivi li ghandhom jigu likwidati jammontaw ghas-somma ta' sebat elef hames mija u sittin liri maltin (lm7560) u ghal liema danni jirrizulta unikament responsabbli l-konvenut;

Ghall dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis 27 ta’ April 1996 fil-limiti ta’ B’Kara u ghad-danni kollha rizultanti lill-attrici bhala konsegwenza ta’ dan l-istess incident, tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' sebat elef hames mija u sittin liri maltin (lm7560) u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' Lm7650 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni;

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut, filwaqt li l-intervenuti fil-kawza ghandhom ihallsu huma stess l-ispejjez taghhom.